**18 ta' April, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Piju Gafà

**Sentenza — Nullità — Akkuża Alternattiva — Disturb tal-Ġirien — Appell — Art. 394, 440(3), u 352(m) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Akkuża fis-sens illi l-imputat iddisturba l-mistrieħ tal-ġirien bi ħsejjes, inkella illi, bħala kap ta' familja, naqas li jara li l-membri tal-familja tiegħu ma jiddisturbawx il-mistrieħ tal-ġirien, meta din il-kontravvenzjoni setgħet tiġi evitata bl-eżerċizzju tad-debita diliġenza, hija imputazzjoni alternattiva; u jekk il-Qorti tiddikjara lill-imputat ħati, bla ma tgħid però ta' liema miż-żewġ imputazzjonijiet, jiġi li l-*

*Qorti ma qalitx ta' x'hiex sabet ħati lill-imputat; u din hi vjolazzjoni li ġġib in-nullità tas-sentenza; u l-Qorti tal-Appell, wara li tannulla dik is-sentenza, tgħaddi biex tid-deċidi l-meritu tal-kawża hija stess.*

*Jekk il-Qorti ssib li kien hemm dak id-disturb fi grad intollerabbli, imma intollerabbli obbjettivament, il-kundanna tal-imputat tkun bħala li hu ħati tal-fatt in linea principali, bħala awtur materjali, jew in via indiretta, bħala responsabbli tal-fatt tal-membri tal-familja tiegħu, skond ma juru l-provi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli f'Marsaxlokk, fit-8 ta' Diċembru 1958, għall-ħabta tal-11.45 p.m., iddisturba l-mistrieħ tal-ġar li joqgħod taħtu, Edgar Camilleri, u l-familja tiegħu, bil-ħsejjes; inkella, bħala kap tal-familja, naqas li jara li l-membri tal-familja tiegħu ma jiddisturbawx il-mistrieħ tal ġar fuq imsemmi, meta din il-kontravvenzjoni setgħet ġiet evitata kieku eżerċita d-diliġenza tiegħu;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Marzu 1959, li biha sabitu ħati u kkundannatu għall-ammonizzjoni u riprensjoni;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Is-sentenza appellata hi nulla, għaliex l-imputazzjoni kienet alternattiva, ċjoè waħda dik ta' responsabbiltà diretta, in linea principali, bħala awtur materjali tal-fatt, u alternattivament l-oħra, dik ta' responsabbiltà indiretta bħala missier u kap tad-dar, għall-fatt kontravvenzjonali kommess mill-membri tal-familja, skond l-art. 25 Kap. 12, bażata din ir-responsabbiltà fuq n-negliġenza tiegħu filli

ma mpediex dak li seta' jimpedixxi bl-eżerċizzju tad-diliġenza meħtieġa fil-waqt li kien dover tiegħu li ma jħallix li l-kontravvenzjoni ssir. L-Ewwel Qorti sabet l-imputat ħati, bla ma qalet però ta' liema miż-żewġ imputazzjonijiet dedotti in vija alternattiva, u li dippjù huma ta' xorta tali li waħda teskludi l-oħra; għaliex "jew" l-imputat ikkommetta l-fatt hu stess, u allura sar ħati tal-ewwel imutazzjoni, "jew" inkella kkommettieh xi wieħed mill-familja tiegħu, f'liema każ kienet tintegra ruħha l-imputazzjoni alternattiva. Jiġi, għalhekk, daqs kieku l-Ewwel Qorti ma qalitx ta' x'hix sabet ħati lill-imputat, bi vjolazzjoni tal-art. 394 Kap. 12; liema vjolazzjoni, skond il-liġi u l-"interpretatio fori", iġġib in-nullità tas-sentenza;

Dikjarata, għalhekk, kif qegħda tiġi dikjarata, din in-nullità, din il-Qorti tgħaddi issa biex tiddeċidi l-meritu hija stess, konformement għall-art. 440(3) Kap. 12;

Mi'l-provi, konsistenti fix-xhieda ta' Edgar Camilleri, martu Maria Camilleri, u ż-żewġ uliedu Giulio u Cristina Camilleri, jirriżulta soddisfaċentement......;

Il-Qorti hi soddisfatta mill-provi li dan kien disturb intollerabbli, obbjettivament tali, u mhux biss subbjettivament, ossija biss konsistenti, kif jingħad fid-dottrina, "nell'isterismo o nelle pretese eccessive di chi si dica disturbato"; ċjoè kienu disturbi li realment "eccedono la misura della tollerabilità e della necessità" (ara Maino, fil-kommenti tiegħu għad-dispożizzjoni analoga tal-art. 458 tal-Kodiċi Taljan, pp. 266-272, relattivament għal dan il-pont): Ma għandux jintnesa li l-familja Camilleri, ta' għaxra minn-nies, joqgħodu f'dawn iż-żewġt ikmamar, interament sottoposti għall-fond superjuri, bla ebda speranza ta' rifuġju minn disturb simili f'ambjenti oħra, jew ta' mistrieħ band'oħra;

Il-Qorti taħseb li hemm fil-proċess elementi biżżejjed biex il-ġudikant jasal għall-konklużjoni li l-awtur tal-fatt kien l-imputat. "Ex admissis", hu kien id-dar dak inhar... Dawn il-ħsejjes ilhom isiru, iżda meta jsiru, dejjem isiru meta l-imputat ma jkunx qed jaħdem fuq il-baħar u jkun

id-dar minħabba l-maltemp. Milli jidher, l-imputat irid jakkwista f'idejh il-fond ta' Camilleri, li hu proprjetà tal-imputat. Bl-ebda mod ma ppretenda l-imputat li dak in-ħar kien hemm ħadd ieħor fid-dar tiegħu;

Ix-xhieda ta' Maria Piscopo, neputija ta' mart l-imputat, ma hijiex tali li tista' tikkrea xi dubju......;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi ssib ħati l-imputat tal-ewwel imputazzjoni kif kontenuta fiċ-ċitazzjoni, bħala awtur, b'responsabbiltà diretta; u wara li rat l-art. 352(m) Kap. 12, tikkundannah għall-piena tal-ammonizzjoni u riprensjoni.